Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2008

dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6732)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/866/KE)

(ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/297/KE tas-26 ta' Marzu 2009	L 81	22	27.3.2009
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/862/KE tat-30 ta' Novembru 2009	L 314	90	1.12.2009
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/641/UE tat-22 ta' Ottubru 2010	L 280	59	26.10.2010

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2008

dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6732)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/866/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw b'mod ġenerali l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, fil-livell Komunitarju u dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza fejn huwa evidenti li ikel jew għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

(2) Tifqigħa ta' Epatite A fil-bnedmin ġiet ikkonfermata fil-Komunità. L-oriġini tal-marda ġiet identifikata li hija l-konsum ta' ċerti molluski bivalvi importati mill-Perù li ġew ikkontaminati bil-Virus tal-Epatite A (HAV).

(3) Il-molluski bivalvi kkontaminati huma l-gandoffli Donax (*Donax* spp) u l-oriġini tal-kontaminazzjoni x'aktarx li hija kontaminazzjoni virali tal-ilma taż-żoni ta' produzzjoni. Molluski bivalvi oħra jistgħu għalhekk ġew ikkontaminati wkoll.

(4) Billi l-konsum ta' dawk il-molluski bivalvi jippreżenta riskju serju għas-saħħa tal-bniedem huwa xieraq li jiġu sospiżi l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' molluski bivalvi mill-Perù.

(5) Meta titqies is-serjetà tal-kontaminazzjoni, is-sospensjoni għandha tapplika wkoll għal molluski bivalvi li ntbagħtu lejn il-Komunità qabel ma tidħol fis-seħħ din id-Deċiżjoni iżda li jaslu fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri tal-Komunità wara dik id-data.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

(6) Is-sospensjoni ta' dawk l-importazzjonijiet għandha tiġi stipulata fil-livell Komunitarju biex jiġi żgurat il-ħarsien effettiv u uniformi tas-saħħa tal-konsumaturi fl-Istati Membri kollha.

(7) Il-produzzjoni tal-akkwakultura ta' mxat tal-baħar (*Pectinidae*) fil-Perù sseħħ f'żoni ta' produzzjoni separati b'densità ta' popolazzjoni baxxa u 'l bogħod minn għejun potenzjali ta' kontaminazzjoni. Barra minn hekk, il-*Pectinidae* huma pproċessati biex jirtiraw il-vixxri u għalhekk inaqqsu r-riskju ta' kontaminazzjoni virali fil-parti tal-prodott li tittiekel. Huwa għaldaqstant xieraq li jkunu permessi importazzjonijiet mill-Perù ta' *Pectinidae* pproċessati b'dan il-mod.

(8) Barra minn hekk, it-trattament bis-sħana jevita l-vijabilità tal-virus. Huwa għaldaqstant xieraq li jkunu permessi importazzjonijiet mill-Perù ta' molluski bivalvi li għaddew minn trattament bis-sħana skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt A.5(b) tal-Kapitolu II tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li ġej mill-annimali ([1]).

(9) L-Awtoritajiet Peruvjani impenjaw ruħhom li jdaħħlu fis-seħħ miżuri korrettivi immedjati u, jekk ikun meħtieġ, jippermettu spezzjoni tal-Kummissjoni matul ix-xhur li ġejjin. Huwa għaldaqstant xieraq li tiġi limitata l-applikazzjoni tal-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni attwali tal-31 ta' Marzu 2009, mingħajr ħsara għassetgħa tal-Kummissjoni li timmodifika, tirrevoka jew testendi dawk il-miżuri fid-dawl ta' kull tagħrif ġdid marbut mal-evoluzzjoni tal-qagħda fil-Perù u tar-riżultat ta' spezzjonijiet mis-servizzi tagħha.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-molluski bivalvi, kif definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004, importati mill-Perù u maħsuba għall-konsum mill-bniedem ("molluski bivalvi").

Artikolu 2

L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' molluski bivalvi mill-Perù.

Din il-projbizzjoni għandha tapplika għall-kunsinni kollha ta' molluski bivalvi li jaslu fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri tal-Komunità kemm jekk il-kunsinni kienu prodotti, maħżuna jew iċċertifikati fil-pajjiż ta' oriġini u kemm jekk le, qabel ma din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

▼B

Artikolu 3

B'deroga mill-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti li ġejjin:

(a) *Pectinidae* mnaddfa minn ġewwa li joriġinaw mill-akkwakultura;

(b) molluski bivalvi li għaddew minn trattament bis-sħana kif stabbilit fil-punt A.5(b) tal-Kapitolu II tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 4

L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mir-riċevitur tal-kunsinna jew mill-aġent tiegħu.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat- ►**M3** 30 ta' Novembru 2011 ◄.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.